MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Numru 1005/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**NATALE BONELLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Natale Bonello ta’ 34 sena, iben Joseph u Emanuela nee’ Hili, mwieled San Giljan nhar it-02/02/1975, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 568675M u residenti gewwa 9, Triq San Gwakkin, Marsaskala.

Gie akkuzat talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. Fit-23 ta' Frar 2009, ghall-habta ta' 18:12hrs minn gewwa il-hanut bl-isem 'Lemon and Lime' li jinsab fi Triq Marina Marsaskala, ikkommetta serq ta' bott tad-donazzjonijiet li l-valur tieghu ma jaccedix il-232.94 Euro (LM 100) liema serq huwa ikkalifikat bil-persuna.

2. Fl-20 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 12:15hrs minn gewwa il-hanut bl-isem 'Felice Pharmacy' li jinsab fi Triq is-Santwarju, Zabbar, ikkommetta serq ta' 8 paketti blades li l-valur taghhom ma jeccedix il-232.94 Euro (LM 100) liema serq huwa ikkalifikat bil-persuna.

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. C. Scerri Herrera datata 14 ta' Dicembru 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok FF3 u nnutat li l-imputat Natale Bonello m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri ddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u konsegwentement umilment talbu li l-Qorti tikkunsidra l-possibilita' li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation sabiex ikun assistit jgheleb din il-problema.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(d), 268, 281(a), 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Natale Bonello, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri fil-Verbal tas-Seduta tallum nkwantu li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata u dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, u nkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Natale Bonello tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Natale Bonello taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema serja ta' abbuz mid-droga.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Natale Bonello.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Natale Bonello kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Natale Bonello l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------